IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru63(Tlieta u Sittin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tnejn 4 ta' Settembru, 2023, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Anthony Valvo |
| | Mary Doris Borg |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**63.1. Item Nru 63.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

63.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10 u s-Segretarju Ezekuttiv avża li s-Sa. Rosabelle Pulis mhux ser tkun prezenti għal laqgħa minhabba li tinsab indisposta minħabba xogħol ieħor. Il-Kunsill qabel li tiġi mniżżla assenti b'apoloġija.

**63.2. Item Nru. 63.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

63.2.1 Il-Minuti ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'mod unanimu.

**63.3. Item Nru. 63.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku qal li l-bandli infetaħ u l-MCCAA lestiet ir-rapport u ħarġu ftit nuqqasijiet li qed jieħu ħsiebhom il-kuntrattur. L-MCCAA qed tirrakkomanda wkoll li jkun hemm biċċa bid-dell, b'permezz ta' tinda pero mhux bilfors.

L-ammont extra biex seta' sar il-bandli jidher li ser ituwulna mid-Development Funds u għalhekk irridu nagħmlu kuntratt addizzjonali.

63.3.2. Is-Sindku qal li dwar il-*jogging track* rega' bgħat lil Prim Ministru u l-Ministru però ma weġbux. Il-Kunsill qabel unanimament li terġa ssir talba uffiċjali sabiex niltaqgħu mal-Prim Ministru.

63.3.3 Is-Sindku qal li tal-Public Works lestew parti oħra mir-railing u għalhekk imiss li nixtru aktar żebgħa sabiex ikunu jistgħu jiżbgħu is-sottobank.

Is-Sur Valvo daħal għal laqgħa fil-5.30pm.

63.3.4 Is-Sur Attard qal li l-*concession* ġiet approvata u ippublikata. Bħala offerta trid tagħmilha tibda minn €1000 fix-xahar. Dan wara li kellna gwida wkoll mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

63.3.5 Is-Sindku qal li l-librerija għaddej ix-xogħol pero qatran mhux ser isir u minflok ser inkesa u jitatta bil-gypsum. Il-ħaddiema ippruvaw jagħmluh fuq il-fil però kien ser jiġi ikraħ.

63.3.6 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita tal-Gostra u qal li kienet suċċess għax attendew ħafna nies u kulħadd ħa pjacir. Il-Kunsill irnexxielu iġib l-ammont ta' €16,000 minn skema u bħala ammont ser ikun qed ikopri kollox.

Is-Sur Attard kompla u qal li l-ispejjeż tal-Pulizija u barriers ser jiġu jifonduti mir-Reġjun.

63.3.7 Is-Sindku ippropona li isir ftehim ukoll mal-Community Workers Scheme sabiex inkunu nistgħu nagħtu inċentiv żgħir ta' €150 lil Orian Theuma Whitelaw u Elician Theuma Whitelaw.

Il-Kunsill qabel li nistennew approvazzjoni mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali u nipproċedu.

63.3.8 Is-Sindku qal li għandna stedina uffiċjali mil-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel Żabbar A.D. 1883 biex il-Kunsill jattendi għal Kunċert mużikali fil-Ġimgħa tal-Festa u ta' dan ippropna li nikkollaboraw billi nixtru instrument mużikali sa €300. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

63.3.9 Is-Sindku ippropona li noħorġu sejħa għal gutters fejn qiegħed iżomm l-ilma speċjalment Dawret ix-Xatt. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li nkellmu lil Infrastruttura Malta dwarhom.

63.3.10 Is-Sindku qal li hemm bżonn xogħol fuq in-net ta' madwar il-grawnd u għalhekk ippropona sabiex nagħmlu dawn it-tiswijiet. Il-Kunsill qabel li jsiru it-tiswijiet neċessarji.

**63.4 Item Nru 63.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

63.4.1 Is-Sa. Doris Borg qalet li s-siġra taż-żebbuġ li hemm quddiem il-Knisja iġġuffat ħafna u anke qed twaqqa ħafna. Il-Kunsill qabel li nfittxu 'l xi ħadd li jiżborha u siġar oħra.

63.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nirranġaw xi siġġijiet li għandna fil-librerija u li tqattalhom il-canvas. Dawn hemm madwar 9. Il-Kunsill qabel li filkas nixtru siġġijiet oħra għaliex ma kienux għoljin.

63.4.3 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistgħux inkissru balla siment li hemm fuq il-bankina ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Għalhekk ser jitqabbdu l-ħaddiema assenjati.

63.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu laqgħat mal-Community Police sabiex naraw x'inhu jiġri u nkunu nistgħu nitkellmu magħhom fuq affarijiet kunfidenzjali. Is-Sindku qal li hu jinsab f'kuntatt magħhom ta' kuljum pero ser jitkellem magħhom u jgħidilhom dwar dan is-suġġeriment.

63.4.5 Is-Sa Borg staqsiet lis-Sur Camilleri jekk jistax itina skeda ta' meta t-tfal ta' bejn 5-12 -il sena jkunu kommessi bil-futbol.

**63.5 Item Nru. 63.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

63.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**63.6 Item Nru. 63.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

63.6.1 Ix-xogħol ġie diskuss aktar kmieni

**63.7 Item Nru. 63.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

63.7.1 Pagamenti b'numru 126 ġew approvati unanimament.

**63.8 Item Nru. 63.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

63.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**63.9 Item Nru. 63.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

63.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.23pm

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru.

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |